MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 163/2009

PDBM Limited (C35526).

Vs

Carmelo sive Carl Buttigieg u Bullet Company Limited (C9086).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta u l-konvenut, jew min minnhom, huma debituri versu s-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef, erba mija u tlieta u sittin ewro u wiehed u tletin centezmu (€3,463.31), rapprezentanti l-mizata dovuta mis-socjeta' konvenuta u l-konvenut jew min minnhom lil Perit Hector Zammit A&CE tad-ditta 'Architectural Concepts', liema mizata thallset lill-istess 'Architectural Concepts' mis-socjeta' attrici f'isem is-socjeta' konvenuta u l-konvenut fit-30 ta' Gunju 2006; illi l-istess socjeta' attrici issa dahlet fil-jeddijiet tad-ditta

'Architectural Concepts' fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u l-konvenut, u dana skond il-provvedimenti tal-ftehim ta' surroga bejn id-ditta 'Architectural Concepts' u s-socjeta' attrici, liema ftehim sar flimkien mal-hlas ta' l-ammont dovut; illi s-socjeta' konvenuta u l-konvenut baqghu ma hallsux dan l-ammont lis-socjeta' attrici, u minkejja li gew interpellati diversi drabi baqghu inadempjenti. Ghaldaqstant is-socjeta' attrici PDBM Limited titlob li dan it-Tribunal (i) jiddikjara li s-socjeta' konvenuta u l-konvenut, jew min minnhom, huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' €3,463.31; (ii) jikkundanna lis-socjeta' konvenuta u l-konvenut, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €3,463.31. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Gunju 2006.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta u tal-konvenut li eccepew (i) illi preliminarjament u minghajr pregudizzju t-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, s-socjeta' Bullet Company Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-Perit Hector Zammit; (iii) illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-konvenut Carl Buttigieg ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-Perit Hector Zammit; (iv) illi l-mizata allegatament dovuta lill-Perit Hector Zammit ma hiex dovuta mill-konvenuti izda mis-socjeta' attrici stante li kienet l-istess socjeta' attrici li baqghet tikkomunika mal-Perit Hector Zammit rigward il-permess relattiv u li eventwalment zviluppat il-proprjeta' in kwistjoni skond l-istess permess kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; (v) illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Sema x-xhieda tal-Perit Hector Zammit.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra n-nota ta' referenzi tal-konvenuti.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni taghhom, il-konvenuti eccepew illi t-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond l-artikolu 2149(c) *'l-azzjonijiet ta' l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjes li jkunu ghamlu'* jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

Illi jirrizulta kemm mit-talba tas-socjeta' attrici kif kontenuta fl-Avviz kif ukoll mix-xhieda tal-Perit Hector Zammit, li hawnhekk si tratta ta' talba ghall-hlas ta' ammont li jirrapprezenta spejjes u drittijiet dovuti lill-Perit Zammit. Dan l-ammont kien allegatament originarjament dovut mill-konvenuti, jew min minnhom, lill-perit, izda effettivament thallas mis-socjeta' attrici, u ghalhekk din ta' l-ahhar giet surrogata fid-drittijiet tal-perit.

Fil-fatt, fix-xhieda moghtija minnu, l-Perit Zammit spjega li huwa kien issottometta applikazzjoni lill-MEPA fil-25 ta' Jannar 2005 ghan-nom tal-konvenuti. Wara li ghadda ftit zmien, il-konvenuti kienu nfurmawh li ma kienux bi hsiebhom ikomplu bil-progett u ghalhekk il-perit kien bghatilhom il-kont finali tieghu fit-22 ta' Marzu 2006. Dan il-kont pero qatt ma thallas mill-konvenuti. Sussegwentement is-socjeta' attrici kienet xtrat il-proprjeta' minghand il-konvenuti u peress illi xtaqet tkompli bil-progett, kienet hallset il-kont pendenti tal-perit fit-22 ta' Gunju 2006. Fit-30 ta' Gunju 2006, kien gie ffirmat ftehim bejn il-Perit Zammit u s-socjeta' attrici fejn din ta' l-ahhar giet surrogata fid-drittijet tal-Perit Zammit.

Illi l-klawsola 2 ta' dan il-ftehim tinqara precizament hekk kif gej:

'*In virtue of this agreement and in consideration for settlement of the said sum by the Payer (is-socjeta' attrici) on behalf of the Debtors (il-konvenuti), the Creditor (il-Perit Zammit) hereby subrogates the Payer to all rights, whether litigious or otherwise, competent to the Creditor in terms of law for the recovery of the Debt from the Debtors.*'

Jirrizulta wkoll li l-kawza giet prezentata fis-27 ta' Frar 2009, u cioe tlett snin wara li nhareg il-kont tal-perit. Ma jirrizultax li kien hemm xi sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv la da parti tal-Perit Zammit u lanqas da parti tas-socjeta' attrici minkejja li din ta' l-ahhar giet surrogata fid-drittijiet tal-Perit fit-30 ta' Gunju 2006.

Peress illi hawnhekk si tratta ta' drittijiet u spejjes ta' arkitett, u peress li ai termini tal-ftehim datat 30 ta' Gunju 2006, is-socjeta' attrici dahhlet fiz-zarbun tal-Perit Arkitett Zammit fir-rigward tad-drittijiet litiguzi pertinenti lilu personalment bhala perit, jidher li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' sentejn hija applikabbli f'dan il-kaz, u ghalhekk peress li dan it-terminu ghadda minghajr ebda interuzzjoni jew sospensjoni skond il-ligi, t-talba attrici tirrizulta preskritta ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u jiddikajra t-talba attrici preskritta ai termini tal-artioklu 2149(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ispejjes kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' attrici.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------